TAL-PIETA`

MINUTI

Id-disa' Legislatura - SEDUTA Nru. 19

L-Erbgha, 7 ta' Jannar, 2026

Il-Kunsill Lokali ta' Tal-Pieta` ltaqa' fl-Ufficcju tieghu, 11, Il-Pellikan, Triq K. Mifsud, Tal-Pieta` fil-5.00 p.m.

PREZENTI

Kienu prezenti s-Sindku Stefano Savo, il-Vici Sindku Saviour Azzopardi u l-Kunsillieri, Colin Bowman, Josef Fitzpatrick, Charles Grech u Mark Pisani.

Il-Kunsillier Ryan Douglas Tanti informa li kien ma jiflahx u ghalhekk gie skużat.

TALBA

Is-Sindku qal it-talba.

1. MINUTI

1.1 Il-minuti tas-Seduta Nru. 18 li saret nhar it-Tlieta, 2 ta' Dicembru, 2025, kienu approvati.

2. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

2.1 Il-Kunsillier Ryan Douglas Tanti informa li kien ma jiflahx u ghalhekk gie skuzat.

3 HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

3.1 ***Electric Van***. Is-Sindku informa li kienet regghet harget is-sejha ghall-offerti ghal Electric Van minhabba li ma kenux intefghu offerti fl-ewwel sejha. F'kaz li anki fit-tieni sejha jerga' ma jkunx hemm interess, il-Kunsill se jitlob lid-DLG sabiex jinghata permess jixtri dan b'direct order. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

3.2 **Speed Camera / Traffic calming measures fi Triq San Luqa u Triq Mimosa**. TM infurmaw lill-Kunsill li ma tistghax issir speed camera f'din it-triq. Il-Kunsill talab lil TM sabiex jissuġġerixxu alternattiva biex tonqos il-problema iżda TM regghu talbu lill-Kunsill ghal proposta konkreta.

4 KORRISPONDENZA

4.1 Ma kienx hemm korrispondenza x'titressaq.

5 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

5.1 **Torpedo Depot**: Is-Sindku informa li Ambjent Malta se jkomplu bil-manutenzjoni tat-Torpedo Depot sakemm jiġi *awarded* it-tender.

5.2 **Community Support Scheme**: Is-Sindku informa li l-Kunsill kien applika ghal din l-iskema sabiex jiġu restawrati zewg telephone boxes fil-lokalita` permezz ta' fondi ewropej. Il-Kunsillier Grech qal li qed isiru diversi abbużi fihom u staqsa jistghux jinghalqu. Is-Sindku wieġeb li dawn huma skedati.

5.3 **Palm Trees Scheme**: Is-Sindku informa li l-Kunsill kien applika ghal skema mill-Ministeru tal-Agrikoltura u Sajd u Drittijiet tal-Annimali sabiex jiġu provduti madwar 8 palmiet ghal Pjazza San Luqa u Marina Gardens.

5.4 **German Choir Concert**: Is-Sindku informa li l-Kunsill wera interess mar-Regjun Lvant sabiex jiġi organizzat kunċert minn kor Germaniz li jikkonsisti minn madwar 100 persuna, fis-Santwarju tal-lokalita`. L-ispejjez ghall-Kunsill jew ghas-Santwarju huma minimi. Kien hemm qbil dwar dan.

5.5 **Clean up event minn Mc.Donald's**: Is-Sindku qal li permezz tar-Regjun Lvant, Mc. Donald's kienu kkuntattjaw lill-Kunsill sabiex jaghmlu event ta' clean up f'Tal-Pieta`. Ghalhekk il-Kunsill irid jahseb f'zona fejn din tista' ssir u jkun preżenti l-Kunsill ukoll. Min ikollu xi suġġeriment ta' xi zona, jghaddih lis-Segretarju Ezekuttiv.

5.6 **Appell fuq applikazzjoni ta' bini fi Triq Santa Monika**: Is-Sindku qal li dwar din l-applikazzjoni, gie aċċettat li jsir aċċess fuq il-post. Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill jibqa' ghaddej bl-appell kontra din l-applikazzjoni, kontra l-permess approvat faċċata tas-Santwarju u kontra kull applikazzjoni li tista' tbiddel id-dinamika tat-triq.

6 MISTOQSIJIET

6.1 Il-Kunsillier Pisani staqsa jekk kienx hemm risposta minn IM dwar il-proposta tal-bridge fil-progett tal-Imsida. Is-Sindku wieġeb li s'issa ma kienx hemm u l-Kunsill kien baghat lil IM, email bil-concerns kollha tan-nies.

6.2 Il-Kunsillier Grech talab biex issir tabella li t-triq ma tinfidx fi Pjazza Madonna ta' Fatima. Is-Sindku wieġeb li dwar dan kellmu wkoll il-Kunsillier Douglas Tanti u nforma li din it-tabella giet ordnata u mhemmx problema li ssir.

6.3 Il-Kunsillier Grech staqsa wkoll min ser ikun qed jaghmel ix-xoghol li mhux kapaċi jaghmlu n-nies tal-Community Work Scheme assenjati mal-Kunsill, bhal per eżempju biċċa kurduna mkissra fi Triq l-Ursolini. Is-Sindku wieġeb li dwar din qed infittxu min jista' jaghmilha u fl-istess hin qed nitolbu lill-istess Community Work Scheme jindikaw xi persuna fuq maintenance.

6.4 Il-Viċi Sindku staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp dwar il-bankina u l-kurduna li tinsab quddiem garaxxijiet godda fi Triq Edgar Ferro. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li kien se jara mal-kuntrattur.

7 AWTORIZAZZJONI GHAX-XIRI TA' OGGETTI/SERVIZZI

7.1 Ma kienx hemm awtorizzazzjoni ghax-xiri ta' oġġetti/servizzi.

8 APPROVAZZJONI TAL-HLASIJIET FIX-*SCHEDULE OF PAYMENTS*

8.1 Is-Sindku ssekondat mill-Vici Sindku, ressaq mozzjoni sabiex jigi approvat il-hlas tal-pagamenti li huma mnizzla fuq ix-*Schedule of Payments* Nru. 18. Il-mozzjoni ghaddiet *nem.con.*

9. TMIEM

9.1 Fis-6.30pm intemmet is-Seduta. Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar l-Erbgha, 4 ta' Frar, 2026, fil-5.00pm.

Simon Cauchi
Segretarju Ezekuttiv

Konfermati:

Stefano Savo
Sindku